ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-LAQGĦA URĠENTI**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ġimgħa, 15 ta' Jannar 2010**

**Hin: Fl-4.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal hu sejjaħ din il-laqgħa b' urġenza biex il-Kunsill jiddiskuti l-ħsara li ġiet ikkaġunata bil-maltemp fi Triq il-Port.

Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ stqarrija għall-mezzi tax-xandir u jibgħat ittra lill-Ministru għal Għawdex u l-istess ittra tiġi kkupjata lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi K.U.O.M., LL.D., lill-Ministru għall-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni Austin Gatt, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said u lis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Dr Mario De Marco b' dan il-kontenut:

''Il-Kunsill Lokali Żebbuġ Għawdex imlaqqa' lbieraħ il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2010 f' laqgħa msejħa b' urġenza b' aġenda l-Maltempata ta' nhar il-Ħamis l-14 ta' Jannar 2010 li ħakmet il-Bajja ta' Marsalforn.

B' dispjaċir jinnota l-mod kif din il-maltempata ħalliet il-bajja fi stat allarmanti u l-Kunsill jinnota l-impatt li qed ikollu n-nuqqas ta' bini mill-ġdid ta' dak li kien il-*breakwater.* Il-Kunsill ma jistax ikompli jsewwi l-ħsarat kawżati mill-maltemp sakemm ma jsirx jew ma jkunx rimedjat l-ilqugħ għall-Bajja ta' Marsalforn. Għalhekk, il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti b' mod speċjali l-Ministeru għal Għawdex li hu responsabbli mill-gzira Għawdxija biex dawn ir-rimedji jsiru kemm jista' jkun malajr.

Filwaqt li jistenna azzjoni, jiġbed l-attenzjoni li dan qiegħed ikun ta' dannu kemm għar-residenti li l-Kunsill għandu obbligu li jitkellem għalihom, għas-sajjieda li joperaw mill-Bajja ta' Marsalforn kif ukoll għat-turiżmu u l-komunita' kummerċjali li topera ġo din il-Bajja. Il-Kunsill Lokali iwiegħed l-koperazzjoni kollha neċessarja fis-sitwazzjoni preżenti.''

Ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel stima tax-xogħol li jeħtieġ isir u li jikkonċerna l-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.15 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**